# Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

Il-kontenut ipprovdut minn

European Judicial Network (in civil and commercial matters)

Franza

## 1 Skont il-liġi ta’ dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta’ propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f’dan l-Istat Membru?

Fi Franza, hemm regoli speċjali li jidderogaw mil-liġi ordinarja dwar is-suċċessjoni kemm fir-rigward tal-ordni tas-suċċessjoni (*dévolution successorale*) (1) kif ukoll tal-qsim tal-patrimonju (*partage successoral*) (2).

*1. Regoli speċjali dwar l-ordni tas-suċċessjoni*

L-ordni tas-suċċessjoni hija mekkaniżmu li permezz tiegħu jiġu speċifikati l-persuni li se jirtu l-patrimonju tal-persuna deċeduta.

Regoli speċjali dwar l-ordni tas-suċċessjoni ġew stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Franċiża u l-ġurisprudenza biex iqisu n-natura speċifika ta’ ċerti assi. Dawn japplikaw għall-assi li ġejjin:

*Rikordji tal-familja*

Ir-regoli speċjali relatati mar-rikordji tal-familja (*souvenirs de famille*) ġew stabbiliti mill-ġurisprudenza.

Ir-rikordji tal-familja huma oġġetti tal-familja li l-valur tagħhom huwa prinċipalment personali u soġġettiv, pereżempju, ittri lill-familja, pitturi ta’ persuni, għamara li fiha l-istemma araldika tal-familja, eċċ. Dawn l-assi “jagħtu xhieda tal-istorja tal-familja” u għalhekk jikkostitwixxu “legat emozzjonali aktar milli pekunjarju, li t-tifsira tiegħu għall-familja jirrikjedi li r-regoli applikabbli għat-trasferiment tagħhom ikunu mfassla b’mod speċifiku, b’mod partikolari, biex jiġi evitat li jinxterdu b’mod li jċaħħadhom mill-element familjali li huwa ċentrali għall-valur tagħhom.” (Grimaldi, M., *Droit patrimonial de la famille*, Dalloz Action, is-7 edizzjoni 2021/2022, Nru 235.221).

Skont il-ġurisprudenza (ara, b’mod partikolari, l-ewwel Diviżjoni Ċivili, il-21 ta’ Frar 1978, appell Nru 76-10.561, ippubblikata fil-Bulettin), ir-regoli dwar l-ordni tas-suċċessjoni u l-qsim stabbiliti fil-Kodiċi Ċivili (*Code Civil*) ma japplikawx għal dawn l-assi. Għalhekk, fin-nuqqas ta’ ftehim aħjar bejn il-membri tal-familja jew dispożizzjoni testamentarja (*disposition testamentaire*) bil-kontra, dawn l-assi jistgħu jiġu fdati, permezz ta’ depożitu, lill-membru tal-familja li l-qrati jqisu li hu l-aktar ikkwalifikat biex iżommhom. Minflok ma jiġu ttrasferiti lil membru partikolari tal-familja, għalhekk, ir-rikordji tal-familja jiġu fdati f’idejn membru tal-familja li jeħtieġlu jżommhom għad-dispożizzjoni tal-membri l-oħrajn.

*Irqajja’ f’ċimiterju*

Roqgħa f'ċimiterju hija post f'ċimiterju (kamra tad-dfin jew qabar). L-irqajja' f'ċimiterju għandhom skop tal-familja partikolarment sinifikanti li, skont il-ġurisprudenza Franċiża, jiġġustifika deroga mil-liġi ordinarja dwar is-suċċessjoni.

Għalhekk, b'deroga mill-Artikolu 815 tal-Kodiċi Ċivili, l-irqajja' f'ċimiterju qatt ma jistgħu jkunu soġġetti għal qsim: dawn jiġu ttrasferiti lill-werrieta, li jibqgħu fi stat ta' koproprjetà indiviża permanenti (*indivision perpétuelle*). Fil-kapaċità tagħhom bħala koproprjetarji, il-werrieta għandhom id-dritt li jindifnu fir-roqgħa, li jkollhom il-membri tal-familja tagħhom midfuna hemm u li jopponu għad-dfin ta' persuni li ma humiex membri tal-familja tal-persuna li xtrat ir-roqgħa (*concessionnaire*).

*Proprjetà letterarja u artistika*

L-Artikolu L. 111-1 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali (*code de la propriété intellectuelle*) jistabbilixxi li d-drittijiet tal-awtur (*droit d'auteur*) jinkludi karatteristiċi intellettwali u morali (eż.: id-dritt li jiġi ddivulgat xogħol, id-dritt li wieħed ipoġġi ismu fuq biċċa xogħol, id-dritt għal rispett għal xogħol, eċċ.) kif ukoll karatteristiċi pekunjarji (eż.: id-dritt li wieħed jirċievi kumpens għad-divulgazzjoni ta' xogħol).

Il-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali fiha diversi regoli speċifiċi li jidderogaw mir-regoli normali dwar l-ordni tas-suċċessjoni sabiex jipproteġu d-drittijiet tal-awtur.

Pereżempju, fir-rigward tal-karatteristiċi pekunjarji, l-Artikolu L.123-6 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali jiddisponi li l-konjuġi superstitu għandu użufrutt speċjali fuq kwalunkwe dritt ta' użu (*usufruit spécial sur le droit d'exploitation*) li l-awtur ma użax. Il-ġuristi jqisu li dan l-użufrutt speċjali "huwa spjegat mill-fatt li l-konjuġi superstitu huwa preżunt, permezz tal-appoġġ tiegħu, li rawwem ambjent li wassal għall-ħolqien ta' xogħlijiet intellettwali u li, għalhekk, huwa leċitu li jiġi kkumpensat billi jingħata dritt li jibbenefika mill-prodott ta' dak il-ħolqien. " (Grimaldi, M., *Droit patrimonial de la famille*, Dalloz Action, is-7 edizzjoni 2021/2022, Nru 235.201).

Fir-rigward tal-karatteristiċi intellettwali u morali, l-Artikolu L. 121-2 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali jipprevedi li, wara l-mewt tal-awtur, "id-dritt ta' divulgazzjoni tax-xogħlijiet wara l-mewt tal-awtur għandu jiġi eżerċitat mill-eżekutur(i) (*exécuteurs testamentaires*) maħtur(a) mill-awtur matul ħajtu. Fin-nuqqas ta' eżekuturi, jew wara mewthom, u sakemm l-awtur ma jkunx stipula mod ieħor, dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat fl-ordni li ġejja: mid-dixxendenti, minn konjuġi li kontrih ma hemm l-ebda sentenza finali ta' separazzjoni ġudizzjarja (*jugement passé en force de chose jugée de séparation de corps*) u li ma reġax iżżewweġ, minn werrieta għajr id-dixxendenti li se jakkwistaw il-patrimonju kollu jew parti minnu b'wirt, u mil-legatarji universali (*légataires universels*) jew mid-donatarji (*donataires*) tat-totalità tal-patrimonju futur. ". L-ordni tal-persuni msemmija f'dan l-artikolu għalhekk hija differenti minn dik prevista fl-Artikolu 734 tal-Kodiċi Ċivili għad-determinazzjoni tal-ordni li fiha l-werrieta tal-persuna deċeduta jirtu l-patrimonju.

*Kirjiet ta' raba'*

Kirja ta' raba' (*bail rural*) hija kuntratt għall-kiri ta' art jew binjiet agrikoli minn sid jew sid il-kera (*bailleur*), lil inkwilin jew kerrej (*exploitant*), bil-ħlas ta' qbiela. Dan jippermetti li l-art jew il-binjiet isiru disponibbli għal attività agrikola.

L-Artikolu L. 411-34 tal-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu (*code rural et de la pêche maritime*) jipprevedi, bħala prinċipju, li kirja ta' raba' tibqa' għall-benefiċċju tal-konjuġi tal-persuna deċeduta, sieħeb li miegħu kien daħal fi sħubija ċivili (*pacte civil de solidarité*), u axxendenti u dixxendenti tal-persuna deċeduta li jipparteċipaw fil-farm jew li pparteċipaw fih matul il-5 snin qabel il-mewt.

Din ir-regola speċifika hija ġġustifikata min-natura speċifika tal-biedja. Din tidderoga mil-liġi ordinarja minħabba li:

- il-qraba kollaterali (jiġifieri l-aħwa), li huma werrieta tal-persuna deċeduta skont il-liġi ordinarja dwar is-suċċessjoni, ma jistgħux jibbenefikaw mid-dritt għal kiri ta' raba';
- sabiex jibbenefikaw mid-dritt għal kirja ta' raba', il-persuni elenkati fl-Artikolu L. 411-34 tal-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu jeħtiġilhom li jkunu pparteċipaw fil-farm qabel il-mewt.

*Regoli speċifiċi għall-protezzjoni tad-dar ta' koppja*

Huma stabbiliti regoli speċifiċi biex ma jħallux lill-konjuġi jew sieħeb ċivili milli jiret b'mod konġunt id-dar

matrimonjali mal-werrieta l-oħrajn tal-persuna deċeduta. Dawn ir-regoli, li ġew stabbiliti minħabba n-natura familjali tad-dar, huma maħsuba li jippreżervaw l-ambjent ta' għajxien tal-konjuġi superstitu jew, fir-rigward ta' kirjiet residenzjali (*baux d'habitation*), tas-sieħeb ċivili tal-persuna deċeduta.

L-Artikolu 1751 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi l-prinċipju tal-okkupazzjoni konġunta (*cotitularité*) *fir-rigward ta' kirjiet residenzjali*. Għalhekk jipprevedi li "d-dritt lokatizju fuq fond li la huwa ta' natura professjonali u lanqas kummerċjali, li huwa attwalment użat miż-żewġ konjuġi bħala r-residenza tagħhom, irrispettivament mir-reġim tal-proprjetà matrimonjali tagħhom u minkejja kwalunkwe ftehim għall-kuntrarju, anke jekk il-kirja tkun saret qabel iż-żwieġ jew is-sħubija ċivili, jekk is-sħab jitolbuha b'mod konġunt, għandu jitqies li jitgawda miż-żewġ konjuġi jew sħab ċivili. "

L-aħħar paragrafu ta' dan l-artikolu jgħid li "f'każ ta' mewt ta' wieħed mill-konjuġi jew sħab ċivili, il-konjuġi jew sieħeb ċivili superstitu u l-okkupant konġunt skont il-kirja għandu jkollhom dritt esklużiv għal dik il-kirja, ħlief jekk jirrinunzjawh espressament. ".

*Meta d-dar tkun tappartjeni b'mod konġunt lill-konjuġi jew tappartjeni lill-konjuġi deċedut*, l-Artikolu 764 tal-Kodiċi Ċivili jipprevedi li konjuġi intitolat li jiret li kien qiegħed attwalment jokkupa d-dar bħala r-residenza ewlenija tiegħu fil-ħin tal-mewt, għandu, sa mewtu, id-dritt ta' abitazzjoni (*droit d'habitation*) fuq id-dar u dritt għall-użu tal-għamara (*droit d'usage sur le mobilier*). B'kuntrast mar-regola applikabbli għall-kirjiet residenzjali, din l-eċċezzjoni tapplika biss għal koppji miżżewġin (u mhux għal dawk fi sħubijiet ċivili).

*2. Regoli speċjali dwar il-qsim: allokazzjoni preferenzjali*

Il-qsim tal-patrimonju hija l-istadju finali fis-saldu ta' suċċessjoni. Dan itemm il-koproprjetà, minħabba li jinvolvi l-allokazzjoni ta' drittijiet individwali lil kull werriet fuq l-assi li jifformaw il-patrimonju li jrid jinqasam.

Fil-prinċipju, sabiex jinqasam il-patrimonju, iridu jiġu stabbiliti lottijiet daqskemm hemm werrieta intitolati b'mod konġunt għal sehem fih(l-Artikolu 827 tal-Kodiċi Ċivili). Fil-prinċipju, il-lottijiet kollha jkunu ta' valur indaqs; jekk l-għamla tal-patrimonju tagħmilha impossibbli biex jiġu stabbiliti lottijiet ta' valur indaqs, id-differenza tiġi kkumpensata billi jsir ħlas biex l-ishma jiġu ndaqs (*soulte*) (l-Artikolu 826 tal-Kodiċi Ċivili).

L-Artikolu 830 tal-Kodiċi Ċivili jispeċifika li fl-istabbiliment u l-kompożizzjoni tal-lottijiet, għandhom isiru sforzi biex tiġi evitata d-diviżjoni ta' unitajiet ekonomiċi u ġabriet ta' assi oħrajn li jwasslu għal deprezzament jekk jitfarrku.

Il-werrieta konġunti jistgħu jaqblu dwar kif kull lott għandu jiġi allokat. Fin-nuqqas ta' ftehim bejniethom, il-lottijiet għandhom jiġu allokati billi jittellgħu bix-xorti.

Madankollu, xi assi jistgħu jiġu esklużi mit-tlugħ bix-xorti u jiġu allokati b'mod preferenzjali lil werriet. Ir-regoli għalhekk jipprevedu li l-konjuġi superstitu jew kwalunkwe werriet konġuntjista' jitlob l-allokazzjoni preferenzjali (*attribution préférentielle*) ta':

- kwalunkwe impriża agrikola, kummerċjali, industrijali, tas-snajja' jew professjonali li fiha attwalment jipparteċipa jew kien ipparteċipa (l-Artikolu 831 tal-Kodiċi Ċivili). superfiċesuperfiċesuperfiċeDin l-allokazzjoni preferenzjali tapplika *ipso jure* għal kwalunkwe farm li ma jaqbiżx il-limiti tal-erja tas-superfiċe stipulati bid-digriet tal-Kunsill tal-Istat, sakemm il-qorti ma tkunx ordnat li dan jibqa' taħt koproprjetà (l-Artikolu 832 tal-Kodiċi Ċivili). Huwa soġġett għad-deċiżjoni finali tal-qorti li tiġġudika dwar il-merti tal-kawża f'każijiet oħrajn;
- dritt ta' proprjetà jew dritt għal kirja fuq fond li attwalment juża bħala r-residenza tiegħu, jekk kien qed jirresjedi hemm fil-ħin tal-mewt, u l-għamara li hemm ġo fih, kif ukoll il-vettura tal-persuna deċeduta jekk għandu bżonnha għall-ħtiġijiet ta' kuljum tiegħu (l-Artikolu 831(2)(1) tal-Kodiċi Ċivili). Din l-allokazzjoni preferenzjali tapplika *ipso jure* (l-Artikolu 831(3) tal-Kodiċi Ċivili);
- dritt ta' proprjetà jew dritt għal kirja fuq fond kummerċjali li huwa attwalment użat fl-operat tan-negozju tiegħu, kif ukoll l-oġġetti mobbli meħtieġa għal dak in-negozju (l-Artikolu 831(2)(2) tal-Kodiċi Ċivili). Din l-allokazzjoni preferenzjali hija soġġetta għad-deċiżjoni finali tal-qorti li tiġġudika dwar il-merti tal-kawża;
- l-oġġetti mobbli kollha meħtieġa għall-użu ta' proprjetà agrikola (*exploitation d'un bien rural*) maħduma mill-persuna deċeduta bħala bidwi jew ħaddiem li jitħallas b'sehem mill-ħsad, meta l-kirja tkompli għall-benefiċċju ta' min jagħmel it-talba jew meta kirja ġdida tingħata lil min jagħmel it-talba (l-Artikolu 831(2)(3) tal-Kodiċi Ċivili). Din l-allokazzjoni preferenzjali hija soġġetta għad-deċiżjoni finali tal-qorti li

tiġġudika dwar il-merti tal-kawża.

Fil-każijiet kollha, anke meta l-allokazzjoni preferenzjali tapplika *ipso jure*, qatt ma tkun awtomatika. Dan ifisser li dejjem trid tintalab mill-konjuġi superstitu jew werriet li jixtieq jibbenefika minnha.

## 2 Skont il-liġi ta’ dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?

Mir-regoli dwar l-ordni tas-suċċessjoni li jidderogaw mil-liġi ordinarja stabbilita hawn fuq, tnejn biss japplikaw irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni:

- ir-regoli dwar l-allokazzjoni preferenzjali. Il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation*) sostniet li “ir-regoli dwar l-allokazzjoni preferenzjali huma, minħabba l-iskop ekonomiku u soċjali tagħhom, dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti b’mod li huma intiżi biex japplikaw dawk stabbiliti mil-liġi tal-post fejn jinsabu l-beni immobbli. ” (l-ewwel Diviżjoni Ċivili, 10 ta’ Ottubru 2012, appell Nru 11-18.345, ippubblikata fil-Bulettin);
- regoli dwar id-drittijiet morali tal-awturi (*droit moral des auteurs*). Il-Qorti tal-Kassazzjoni għalhekk indikat li “ir-regoli li jipprevedu li, fi Franza, persuna li hija awtur ta’ xogħol letterarju jew artistiku tgawdi d-dritt morali stabbilit għall-benefiċċju tagħha, huma liġijiet li japplikaw b’mod obbligatorju. ” (L-ewwel Diviżjoni Ċivili, 28 ta’ Mejju 1991, appell Nru 89-19.522 u 89-19.725, ippubblikata fil-Bulettin)

## 3 Skont il-liġi ta’ dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?

Ma hemm l-ebda proċedura speċjali skont il-liġi nazzjonali li tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet speċjali msemmija hawn fuq.

---

L-aħħar aġġornament: 20/11/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.